**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU DSATAX**

**7 ta' OTTUBRU, 2016**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjur Ignatius Farrugia, u l-Kunsilliera Dr Jean Pierre Attard, , s-Sur Joseph D'Amato, s-Sur Pierre Farrugia u s-Sur Dino Bonnici.

**SKUŻATI**

Il-Vici Sindku Rita Grima, l-Kunsilliera s-Sinjorina Tiffany Ann Farrugia, s-Sur Kenneth Farrugia u s-Sur David Abdilla, infurmaw li ma setgħux jattendu minħabba raġunijiet ta' safar, xogħol u safar rispettivament. Dokumenti mehmuża

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Ignatius Farrguia ppreseda s-seduta.

**MINUTI**

**19.1** ***Planing Control Application PC0037/16***

19.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li din is-seduta ġiet imsejħa b'urġenza fuq talba tal-Kunsilliera preżenti, fejn talbu ukoll li jkun preżenti l-Perit William Lewis bħala konsulent tal-Kunsill.

Din is-seduta ġiet imsejħa wara li l-Kunsill irċieva email mill-Awtorita' tal-Ippjanar fejn indika art fi Triq San Martin k/m Triq Dun Vincenz Schembri u Triq Zimerman Barbaro, biex isir 'Change of zoning from green area to residential area and part change of alignment on private land'.

19.2 Il-Kunsillier Jean Pierre Attard informa lill-Kunsill li

residenti tal-akwata tal-art imsemmija saru jafu bil-proposta u ffirmaw petizzjoni biex titressaq lill-Awtorita' tal-Ippjanar.

Il-Perit William Lewis qal li l-applikazzjoni li hemm hi biex jinbidel l-użu tal-art minn dak li hemm fil-local plan. Il-Perit qal li jekk l-art hi privata irid ikun il-Gvern jew il-Kunsill li jixtriha jew jespropriha biex jiżviluppha.

19.3 Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li bħal din l-art, hemm artijiet oħra simili fosthom dik ta' Triq GM Callus u Triq il-Qiegħa u li jekk il-Kunsill jagħti permess li din l-art tinbidel minn green area għall-residential area, jkollu jagħmel l-istess ħaġa fuq artijiet oħra simili. B'hekk fiż-Żurrieq ikunu qed jitnaqqru l-artijiet għal-spażju miftuħ.

19.4 Il-Perit William Lewis qal li il-local plan ilu snin li sar u hemm oġġezzjoni u raġunijiet sodi biżżejjed fuq x'hix jista joġġezzjona l-Kunsill.

19.5 Il-Kunsillier Jean Pierre Attard qal li l-għelieqi fl-art indikata għadhom jinħadmu .

19.6 Kien hemm qbil li l-pass li għandu jieħu l-Kunsill hu li joġġezzjona u wara jkun imiss li ssir pressjoni fuq il-Gvern Ċentrali biex jesproprija l-art u wara l-Kunsill ikun jista jara x'jista jsir fiha.

19.7 Kien hemm qbil ukoll li l-Kunsillier Jean Pierre Attard u l-Perit William Lewis ser jidhru f'isem il-Kunsill waqt il-laqgħa tal-bord. Il-Perit ser iħejji draft tal-oġġezzjoni u jressaqha għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

19.7 Is-seduta spiċċat fil-17:45

Konfermati, illum ______ 26 ta' Ottubru, 2016.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| Ignatius Farrugia | Josianne Cilia Mumford |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |